MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Numru. 437/2006

**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**vs**
**James Vella**

**Kawza. Nru. 437/06**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijuba kontra **James Vella** ta’ 25 sena, bin George u Natalina *nee’* Agius, imwieled Pieta’ fit-2 t’Ottubru 1980 u residenti Flat 5 Entrance G, Triq Patri Gustin Sant, Sta. Venera u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 469180(M);

Akkuzat talli fiz-7 ta’ Mejju 2006 ghall-habta tas-7:00am fin-Naxxar , b’diversi atti maghmulin anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula anke b’rizoluzzjoni wahda:

Flimkien ma’ persuni ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq ikkwalifikat minn zewg residenzi privati ta’ persuni anzjani, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitti, liema delitti ma gewx esegwiti minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta; tieghu, u li kieku sehhu kienu jkunu kkwalifikati bil-mezz, lok, u l-valur ghad-dannu ta’ Giorgia Calleja u Pubblio Grima it-tnejn min-Naxxar;

Flimkien ma persuni ohra hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fil-bibien ta’ barra tar-residenzi rispettivi, liema hsara li tiskorri l-hamsin lira (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira (Lm500)saret ghad-dannu ta’ Giorgia Calleja u Pubblio Grima it-tnejn min-Naxxar;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tas-16 ta’ Mejju 2006 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrisali ghas-7 ta’ Mejju tas-sena 2006 fejn l-imputat kien arrestat wara allegat attentat ta’ serq minn zewg residenzi fin-Naxxar wara li l-pulizija kkonkludiet li kien komplici fl-istess attentati. Anzjana li kienet toqghod f’wahda mir-residenzi harget ghall-quddiesa tas-sebgha nieqes kwart ta’ filghodu u halliet lil binha rieqed fid-dar taghha li kien qiehged hemm sabiex izommilha wens. Wara li semgha l-qampiena tal-bieb ta’ barra, semgha hoss kbir u ftit wara, filwaqt li kien ghadu fis-sodda ra zewg min-nies ma wiccu li appena rawh telqu jigru ‘l barra. Hu hareg isegwihom izda ma rnexxilux jilhaq maghhom. Meta wasal lura d-dar ra persuna vicin l-istess dar u li dak il-hin kien qieghed jitkellem fuq it-telefon cellulari tieghu minn distanza twila staqsieh x’kien qed jaghmel hemm izda dan irrispondieh u telaq jigri. Dak in-

nhar l-garr tal-ewwel allegata vittma sofra xi hsarat ta' levaturi mal-bieb ta' barra. Wara li kien irritorna mill-quddies fis-sebgha u nofs ta' filghodu ra xi nies wara l-bieb tar-residenza tieghu li kienu infurmawh li xi hadd kien sgassalu l-bieb. Irrizulta li ma kien ittiehed xejn indebitament mid-dar ta' din il-persuna. Wahda mill-girien ta' dawn iz-zewg persuni kienet infurmat lill-Pulizija illi il-gurnata ta' qabel kienet innotat vann pick-up bil-hgieg skur b'xi irgiel gewwa fih. Hi regghet rat dan il-vann l-ghada, l-Hadd u malli semghet ghajjat ta' xi nies fuq barra infurmathom li dak il-vann kienet ratu l-gurnata ta' qabel. Dwar dan in-vann jirrizulta mill-provi akkwizti, illi malli kienu waslu l-pulizija fuq il-post, il-Hadd 7 ta' Mejju, wara l-insegwiment bla rizultat tal-ewwel allegata vittma, kienu sabu dan il-vann ipparkjat u mhux imsakkar wara l-bibien taz-zewg allegati vittmi. Dan il-vann kien identifikat bhala l-istess vann mill-gara kif intqal *supra*. Minn indagini li ghamlet il-Pulizija, irrizulta illi l-vann kien registrat fuq isem omm l-imputat izda meta mitkellma, ddikjarat illi l-vann ikun l-aktar f'idejn binha l-imputat li kienet ilha ma tara mill-gurnata ta' qabel;

Wara li l-Pulizija accedew ghand omm l-imputat, dana minn jeddu mar ghand il-Pulizija li mill-ewwel arrestatu. L-ewwel allegat vittma gharaf lill-imputat f'*identification parade* minkejja li kellu xaghru appena mqaxxra kif ukoll ma kienx liebes l-erba imsielet fuq ghajnejh. L-vittma kien cert li l-persuna li kien lemah fi triq u li telaq jigri appena avvicinah, kellu xahar goff u kien liebes erba imsielet fuq ghajnejh. Ir-ritratti ta' wicc l-imputat minn distanza ravvicinata mehudha wara l-*identification parade* juru toqob t'imsielet fuq ghajnejh li naturalment tnehhew ghall-fini ta' *line up*. Raggunt dan il-punt, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-imputat kien l-istess persuna li kienet vicin il-biebien tal-vittmi dak in-nhar tal-attentat u li harrab jigri appena wiehed minnhom ittenta ikellmu, liema imputat abbanduna l-vann tieghu fuq il-post. F'dan il-vann instabu pakketti ta' sigaretti ta' marki differenti li jista' jikkorobora dak li qalet il-gara li kien hemm xi nies fl-istess vann;

L-identifikazzjoni tal-imputat bhala l-persuna li kien qieghed fuq jew vicin ix-xena tal-attentat, izda,

m;ghandhiex wahedha twassal ghall-konkluzzjoni illi l-imputat kellu xi konnessjoni mal-agressuri l-ohra. L-ewwel vittma xehed illi hu gharaf lill-imptuat bhala l-persuna li kienet fuq barra wara li rritorna mill-insegwiment bla ezitu izda ma kienx wiehed miz-zewg malviventi li introducew ruhom fid-dar tal-anzjana u dan huwa assodat mill-fatt illi l-ewwel vittma kien ra lill-malviventi appena dahlu fil-kamra tas-sodda fejn kien qieghed. Jirrizulta illi l-ewwel vittma jghid li l-persuna li kienet hdejn id-dar t'ommu kellu xaghru goff. L-Ispettur Ramon Mercieca jghid li kien apparenti li l-imputat kien ghadu kemm qaxxar xaghru meta gie minn jeddu ghand il-Pulizija – haga din li setghet tkun accertata forensikament izda li l-Pulizija naqset milli tistabilixxi b'certezza. L-ewwel vittma jghid li kien qieghed tul tal-awla seba darbiet jew aktar meta indirizza lill-imputat u jammetti li kien avvicinah bil-gherra u ghalhekk dan jista' jkun il-moventi tal-imputat li harab minn fuq il-post meta rinfaccjat bir-rabja tal-ewwel vittma;

Il-Qorti hi tal-fehma li qabel tezamina l-elementi tar-rejati addebitati lill-imputat jehtieg qabel xejn taccerta ruhha illi hemm in-ness bejn l-imputat u l-allegati attentati u hsarat fil-bibien tar-residenzi *de quo*. Hija l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi dan in-ness ma kienx pruvat fil-grad rikjest mil-ligi. Ezami akkurat tal-provi juri biss il-possibilita' li l-imputat kellu konnessjoni mal-malviventi l-ohra izda kif risaput fil-kamp kriminali, dan wahdu mhux sufficjenti sabiex iwassal lill-Qorti ghall-konvinciment 'l hinn minn kull dubbju tal-particpiazzjoni tal-imputat f'dan ir-rejat.

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------